PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 45

It-Tlieta, 24 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

KM MALTA AIRLINES – TELF TA' PILOTI, INĠINIERA U PERSUNAL B'ESPERJENZA

376. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Bord tad-Diretturi jew il-maniġment ta' KM Malta Airlines qattx iddiskutew formalment l-impatt li t-tluq ta' piloti, inġiniera u persunal b'esperjenza jista' jkollu fuq is-sigurtà operattiva tal-kumpanija?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 45
24/11/2026

KM MALTA AIRLINES – TELF TA' PERSUNAL B'ESPERJENZA – RISK ASSESSMENTS/SAFETY REVIEWS

377. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux risk assessments jew safety reviews relatati mat-telf ta' persunal b'esperjenza fi ħdan KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 45
24/11/2026

KM MALTA AIRLINES – TELF TA' PERSUNAL B'ESPERJENZA – RISK ASSESSMENTS/SAFETY REVIEWS

378. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jekk saru risk assessments jew safety reviews relatati mat-telf ta' persunal b'esperjenza fi ħdan KM Malta Airlines, jista' l-Ministru jqiegħed dawn ir-rapporti fuq il-Mejda tal-Kamra?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 45
24/11/2026

KM MALTA AIRLINES – REKLUTAĠĠ TA' PILOTI U PERSUNAL SPEĊJALIZZAT – DIFFIKULTAJIET

379. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu biex KM Malta Airlines iżżomm il-persunal ewlieni u l-esperjenza operattiva tagħha, fid-dawl tad-diffikultajiet irrappurtati fir-reklutaġġ ta' piloti u persunal speċjalizzat?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 45
24/11/2026

KM MALTA AIRLINES – INĠINIERA

380. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il inġinier li kien impjegat ma' KM Malta Airlines jew mal-predeċessur tagħha ġie trasferit għal dipartimenti, awtoritajiet jew entitajiet oħra tal-Gvern minn meta bdiet topera l-kumpanija?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 45
24/11/2026

KM MALTA AIRLINES – INĠINIERA

381. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-inġiniera li kienu impjegati ma' KM Malta Airlines jew mal-predeċessur tagħha u ġew trasferiti għal dipartimenti, awtoritajiet jew entitajiet oħra tal-Gvern, humiex qed iwettqu xogħol relatat mal-professjoni tal-inġinerija jew jekk humiex assenjati għal dmirijiet amministrattivi jew oħrajn li ma jirrikjedux il-kwalifiki tagħhom?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 45
24/11/2026

DRITTIJIET TAT-TFAL – KAMPANJA INFORMATTIVA

2425. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġietx organizzata kampanja informattiva mmirata għat-tfal dwar id-drittijiet tagħhom, kif imwiegħed fil-programm elettorali? Jekk iva, jista' jgħid meta saret, x'kien il-baġit allokat u kemm-il tifel u tifla ntlaħqu u jekk le, jista' jgħid x'kienu r-raġunijiet?

10/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant biex jippreċiża għal liema programm elettorali qed jirreferi.

Seduta Numru 45
24/11/2026

LIĠIJIET LI JIPPROTEĠU LIT-TFAL – PUBBLIKAZZJONI TA' VERŻJONI CHILD-FRIENDLY

2426. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx ippubblikati verżjonijiet child-friendly tal-liġijiet li jipproteġu lit-tfal f'każ ta' abbuż, separazzjoni u parental alienation? Jekk iva, jista' jgħid fejn huma aċċessibbli u jekk le, jista' jgħid meta huwa ppjanat li dan isir?

10/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant, li l-verżjoni *child-friendly*, tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Kura Alternattiva), ilha ħafna snin ippubblikata u tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Kummissarju għat-Tfal liema sit jista' jinsab fuq dan l-indirizz: https://tfal.gov.mt/ Il-ħolqa (*link*) għal din il-verżjoni huwa s-segwenti: https://tfal.gov.mt/wp-content/uploads/2024/05/Minor-Protection-Act-ENG-Document-A4-Final.pdf

Seduta Numru 45
24/11/2026

PARENTAL ALIENATION

2427. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid liema emendi legali ddaħħlu sabiex jiġi indirizzat il-fenomenu tal-parental alienation u biex jitnaqqas il-periklu li t-tfal jinżammu 'l bogħod minn wieħed mill-ġenituri?

10/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SALVAGWARDJI LEGALI ĠODDA GĦALL-ĠENITURI

2428. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'salvagwardji legali ġodda ddaħħlu biex jiġi żgurat li ż-żewġ ġenituri jkollhom l-istess opportunità li jkunu preżenti fil-ħajja tat-tfal, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni tal-Qorti li tgħid mod ieħor?

10/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 45
24/11/2026

QRATI – KAWŻI RELATATI MAL-MINORENNI – TERMINI TA' ŻMIEN FISSI

2429. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġietx introdotta sistema li torbot lill-Qrati b'termini ta' żmien fissi biex jiddeċiedu kawżi relatati ma' separazzjoni, kustodja, aċċess u manteniment ta' minorenni? Jekk le, jista' jgħid għaliex din il-miżura għadha ma ġietx implimentata?

10/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 45
24/11/2026

PROGRAMM ELETTORALI 2022 – PROPOSTI 112, 113 U 114 – IMPLIMENTAZZJONI

2430. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rapport li juri l-istat ta' implimentazzjoni tal-proposti 112, 113 u 114 tal-Programm Elettorali tal-Partit Laburista 2022, b'indikazzjoni ta' liema twettqu, liema għadhom pendenti u x'inhi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom?

10/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 45
24/11/2026

STOMA CARE CLINIC – STOMA TEMPORANJA JEW PERMANENTI

2451. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm mill-istomas tal-pazjenti li ġew segwiti mis-Stoma Care Clinic matul dawn l-aħħar ħames snin kienu temporanji u kemm kienu permanenti, maqsuma skont is-sena u t-tip ta' stoma?

14/08/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SERVIZZ TAS-SAĦĦA PUBBLIKA – KURA TAL-ISTOMA – PRODOTTI U AĊĊESSORJI

2452. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jelenka u jagħti deskrizzjoni tal-prodotti u l-aċċessorji kollha għall-kura tal-istoma, minbarra l-boroż, li bħalissa jingħataw lill-pazjenti permezz tas-servizz tas-saħħa pubblika? Jista' jgħid ukoll, għal kull prodott jew aċċessorju elenkat, kemm-il pazjent bħalissa qed jingħata dak il-prodott u kemm-il unità tqassmet matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

14/08/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-prodotti u l-aċċessorji għall-kura tal-istoma, jingħataw permezz tas-servizz tas-saħħa pubblika u jinxtraw permezz ta' proċeduri t'akkwist pubbliku. Dettalji dwar l-akkwist u l-ammonti prokurati għal kull unità jistgħu jinstabu fuq is-sit https://www.etenders.gov.mt/.

Seduta Numru 45
24/11/2026

CARER'S GRANT – BENEFIĊJARJI U INVESTIMENT

2453. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm benefiċjarji tal-Carer's Grant, minn meta ġiet introdotta sal-aktar data riċenti disponibbli, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid kemm minnhom kienu nisa u kemm kienu rġiel, u x'kien l-investiment totali tal-Gvern f'din l-għotja għal kull sena?

14/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

Benefiċjarji tal-Carers' Grant				
Sena	**Nisa**	**Irġiel**	**Total**	**Nefqa**
2021	377	44	421	€129,600.00
2022	395	47	442	€231,800.00
2023	409	57	466	€1,944,330.38
2024	390	52	442	€2,120,844.30
2025	561	67	628	€3,048,883.17
2026*	591	66	657	€2,428,263.00

*2026 ikopri l-pagamenti li ħarġu f'April, Lulju u Ottubru.

Fl- 2021 u 2022 kien inħareġ pagament wieħed ikopri sena sħiħa. Mill-2023 il-pagamenti bdew jinħarġu f'April li jkun ikopri il-perjodu minn Jannar sa Marzu, Lulju li jkun ikopri l-perjodu April sa Ġunju, Ottubru li jkun ikopri l-perjodu minn Lulju sa Settembru; u Jannar tas-sena ta wara li jkun ikopri minn Ottubru sa Diċembru.

Seduta Numru 45
24/11/2026

CARER'S GRANT – BENEFIĊJARJI

2454. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm benefiċjarji tal-Carer's Grant f'kull lokalità f'Malta u Għawdex, minn meta ġiet introdotta din l-għotja sal-aktar data riċenti disponibbli, maqsuma sena b'sena?

14/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

Benefiċjarji tal-Carers' Grant skont il-lokalità						
Lokalità	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026 (Jannar - Settembru)**
ATTARD	10	12	13	12	15	16
BALZAN	3	3	3	4	3	3
BIRGU	1	1	1	1	3	4
BIRKIRKARA	24	24	21	23	32	33
BIRZEBBUGA	6	6	8	6	14	18
BORMLA	1	1	3	3	3	5
DINGLI	1	1	1	1	2	2
FGURA	14	15	17	15	18	20
FLORIANA	1	0	0	1	1	1
FONTANA	1	1	1	1	1	1
GHAJNSIELEM	5	5	5	4	4	4
GHARGHUR	2	3	3	3	5	4
GHASRI	0	0	0	0	2	1
GHAXAQ	9	9	8	8	11	13
GUDJA	4	4	4	3	5	4
GZIRA	6	7	7	6	13	16
HAMRUN	5	6	6	6	11	12
IKLIN	4	5	4	4	5	6

ISLA	3	3	3	3	5	5
IS-SWIEQI MADLIENA	1	0	0	0	0	0
KALKARA	1	1	2	2	3	3
KERCEM	3	2	2	3	3	3
KIRKOP	4	4	4	4	5	5
LIJA	2	3	4	5	5	5
L-IMQABBA	2	2	3	3	2	3
LUQA	7	7	7	6	11	9
MARSA	3	5	6	5	7	8
MARSALFORN	1	0	1	1	1	0
MARSASKALA	6	9	11	10	15	16
MARSAXLOKK	7	7	9	6	10	10
MDINA	1	1	1	2	1	0
MELLIEHA	10	10	12	12	16	18
MGARR	6	6	6	6	9	9
MOSTA	26	27	26	27	33	34
MSIDA	4	4	4	5	9	8
MTARFA	1	1	1	1	2	2
MUNXAR	0	0	0	0	1	1
NADUR	3	4	3	2	2	2
NAXXAR	7	9	11	11	20	21
PAOLA	12	13	11	8	10	10
PEMBROKE	5	5	6	4	6	6
PIETA'	5	5	6	5	5	5
QALA	2	2	2	1	1	2
QORMI	13	13	17	19	24	26
QRENDI	4	5	5	5	6	6
RABAT	11	11	11	9	13	13
SAFI	3	3	3	3	4	4
SAN GILJAN	9	9	9	8	11	13
SAN GWANN	18	18	18	17	22	21
SAN LAWRENZ	1	1	1	1	1	1
SAN PAWL IL-BAHAR	12	12	12	9	18	25
SANNAT	3	4	4	4	5	4
SANTA LUCIJA	6	6	5	6	7	7
SANTA VENERA	10	9	8	8	12	13
SIGGIEWI	9	8	8	8	10	8
SLIEMA	9	8	10	9	13	11
SWIEQI	3	3	3	1	5	6
TA' XBIEX	1	0	0	0	1	1
TARXIEN	11	10	11	11	14	15
VALLETTA	7	9	10	10	10	10
VICTORIA	4	6	6	6	8	8
XAGHRA	3	3	4	4	6	6
XEWKIJA	7	9	9	9	10	11
XGHAJRA	0	0	0	0	2	3
ZABBAR	14	18	21	20	32	28

ZEBBUG	13	14	17	16	29	29
ZEBBUG (GOZO)	1	1	0	0	0	0
ZEJTUN	14	13	13	13	18	21
ZURRIEQ	16	16	15	13	17	19
Total	**421**	**442**	**466**	**442**	**628**	**657**

Seduta Numru 45
24/11/2026

CARER'S GRANT

2455. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jagħti tqassim skont l-età tal-persuni b'diżabilità li fir-rigward tagħhom qed titħallas il-Carer's Grant, skont il-faxex tal-età użati mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, minn meta ġiet introdotta sal-aktar data riċenti disponibbli, maqsuma sena b'sena? F'dan it-tqassim, jista' jindika wkoll kemm kienu każijiet ta' persuni taħt is-16-il sena u kemm kienu każijiet ta' persuni minn 16-il sena 'l fuq?

14/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Carer's Grant ġie mniedi għall-ewwel darba fis-sena 2021 permezz ta' miżura tal-Budget għall-istess sena u reġa' ġie msaħħaħ fis-snin ta' wara permezz ta' emendi legali fl-Artikolu 68 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318). Tajjeb jingħad illi inizjalment il-Carer's Grant bdiet titħallas lill-ġenituri li ma jistgħux jaħdmu minħabba li jkollhom tfal ta' aktar minn 16 'il sena b'diżabilità severa u dawn it-tfal ikunu jirċievu l-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa. Sussegwentement, fis-sena 2025, il-Carer's Grant ġiet estiża wkoll għal ġenituri li ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol minħabba li jkollhom tfal taħt is-sittax 'il sena b'diżabilità severa u li jkunu ġabu persentaġġ ta' 75% jew aktar permezz tal-ICF Questionnaire.
Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

DISABILITY CHILD ALLOWANCE

2456. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm benefiċjarji tad-Disability Child Allowance, sal-aktar data riċenti disponibbli, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll x'framework jew sistema ta' assessjar tintuża biex tiġi determinata l-eliġibilità għall-Carer's Grant fir-rigward ta' tfal li jirċievu d-Disability Child Allowance, u jagħti tqassim tal-benefiċjarji skont ir-riżultat jew il-kategoriji ta' dan l-assessjar?

14/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

Benefiċjarji tal-Allowance għal tfal b'diżabilità	
Sena	**Total**
2021	1,894
2022	2,051
2023	2,357
2024	2,591
2025	2,856
2026 (proviżorju)	3,082

Il-Baġit tal-2025 introduċa bidliet f'din l-Allowance, sabiex jingħata sostenn lill-ġenituri li mhumiex f'impjieg minħabba li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb tifel/tifla jew tfal b'diżabilità severa taħt is-sittax (16) -il sena u li jirċievu l-Allowance tat-Tfal b'Diżabilità u li kisbu perċentwal ta' 75% jew aktar wara li ġew eżaminati mill-Bord InterProfessjonli permezz tal-qafas tal-ICF "Tfal u Żgħażagħ" (International Classification of Functioning, Disability and Health).

Minn dakinhar sal-ġurnata li qed titwieġeb din il-mistoqsija 129 benefiċjarji tal-Allowance għal Tfal b'Diżabilità bdew jirċievu wkoll il-Carer's Grant.

Statistika mill-1 t'Ottubru 2025 sal-ġurnata li qed titwieġeb din il-mistoqsija turi li kien hemm 675 każ ġdid fejn ġenituri ġew intitolati għall-Allowance għat-Tfal b'Diżabilità, u li qabel tali tibdil ma kenux ikunu intitolati għal tali Allowance, iżda billi t-tfal ma kisbux 75% meta ġew evalwati mill-Bord, il-ġenituri ma kenux intitolati għal Carers Grant.

Tali struttura hija bbażata fuq Artikolu 68 (g) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) li huwa dan li ġej:
(g) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, b'effett mill-1 ta' Jannar 2025, ġenitur li ma jkunx f'impjieg jew jaħdem għalih innifsu u li jkun għadu ma laħaqx l-età tal-pensjoni u li jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li hu ċittadin ta' Malta jew ta' pajjiż tal-Unjoni Ewropea u jkun jirrisjedi b'mod permanenti f'Malta, għandu jkollu d-dritt għall-Għotja għal Carer ekwivalenti għal persentaġġ ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-Paga Minima Nazzjonali netta annwali, fejn tali ġenitur jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li hu jkun qed jieħu ħsieb waħdu, fuq bażi full-time u regolarment ta' wild jew ulied li jkunu jirċievu l-Allowance għal Tfal b'Diżabilità u li r-riżultat tal-evalwazzjoni bbażata fuq il-mudell tal-World Health Organisation International Classification of Functioning, Disability, and Health (ICF) dwar talbiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 77, ikun ekwivalenti għal, jew jeċċedi l-persentaġġ ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) skont id-dispożizzjonijiet tal-Ħmistax-il Skeda.

Seduta Numru 45
24/11/2026

BIEDJA ORGANIKA

3006. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Fid-dawl li skont l-aħħar data komparabbli ppubblikata mill-Eurostat dwar il-biedja organika, fl-2022 Malta kellha l-inqas proporzjon fl-Unjoni Ewropea ta' art agrikola użata għall-biedja organika, b'inqas minn 1% tal-art agrikola użata, meta mqabbel mal-medja ta' 10.5% fl-Unjoni Ewropea, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex iżid dan il-proporzjon u biex Malta tersaq lejn il-mira Ewropea ta' mill-inqas 25% tal-art agrikola taħt biedja organika sal-2030?

30/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li l-mira ta' 25% sal-2030 hija mira kollettiva tal-Unjoni Ewropea, Malta stabbiliet mira nazzjonali li żżid il-proporzjon ta' art agrikola organika minn madwar 0.6% għal 5% sal-2030, żieda kważi għaxar darbiet fuq il-linja bażi nazzjonali.

Għal dan il-għan, il-Gvern qed jimplimenta Malta's Action Plan for Organic Food 2023–2030, permezz ta' għajnuna għall-konverżjoni u ż-żamma tal-biedja organika, taħriġ u konsulenza teknika, investiment, promozzjoni u inizjattivi biex tissaħħaħ id-domanda u jinħolqu opportunitajiet ġodda tas-suq għall-produtturi.

L-għan huwa mhux biss li tiżdied l-art taħt biedja organika, iżda li jinbena settur organiku vijabbli, b'suq u opportunitajiet reali għall-bdiewa Maltin u Għawdxin.

Seduta Numru 45
24/11/2026

ABITAZZJONIJIET B'TITJIB FL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

3007. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar statistika ppubblikata mill-Eurostat, fl-2025 Malta kellha proporzjon ta' 7.8% tal-popolazzjoni li kienet tgħix f'abitazzjonijiet li fihom sar titjib fl-effiċjenza enerġetika matul il-ħames snin preċedenti, meta mqabbel ma' 23.9% bħala medja fl-Unjoni Ewropea, b'Malta tikklassifika fit-tieni l-inqas post fost l-Istati Membri, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex iżid dan il-proporzjon?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

WATER EXPLOITATION INDEX PLUS

3008. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar statistika komparabbli ppubblikata mill-Eurostat, fl-2022 Malta kellha Water Exploitation Index Plus ta' 34.1%, meta mqabbel mal-medja ta' 5.8% fl-Unjoni Ewropea, u li Malta kellha t-tieni l-ogħla livell ta' sfruttament tar-riżorsi tal-ilma fost l-Istati Membri, wara Ċipru, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex inaqqas l-istress fuq ir-riżorsi tal-ilma f'Malta?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Water Exploitation Index Plus (WEI+) huwa indikatur tal-konsum tal-ilma kumparat mar-riżorsi ta' ilma frisk fil-pajjiż li jibqa' ġej minn sorsi naturali u allura jikkalkula l-iskarsezza mhux l-isfruttament kif qalet hi.
Issa l-Onor. Interpellant naħseb li hija konxja li dan il-pajjiż m'għandux xmajjar u għadajjar b'riżorsi naturali ta' ilma ħelu, kif għandhom pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea. Dan il-pajjiż għandu fost l-aħjar sistemi ta' Reverse Osmosis biex inkomplu nnaqqsu d-dipendenza fuq l-ilma tal-pjan.
Hemm indiċi ieħor interessanti. L-Infrastructure Leakage Index li jikkalkula kemm kumpanija tal-ilma tnaqqas ħela fin-network tagħha. Dan huwa Indiċi Internazzjonali. Hawnhekk Malta niżlet minn 19.95 fl-1995 għal 1.6 fl-2025, permezz ta' investiment kontinwu fit-tiġdid tan-network, fis-sejba u l-kontroll tat-tnixxijiet, fl-ismart metering u fil-ġestjoni tal-pressjoni. Iċ-ċifra ta' 1.6 għall-2025 ġiet ikkonfermata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bħala l-aktar waħda baxxa fl-Unjoni Ewropea.
Il-Gvern ser ikompli jibni fuq dan il-progress billi jkompli jinvesti fid-desalinazzjoni, iżid il-produzzjoni u l-użu tan-New Water, ikompli jtejjeb l-effiċjenza tan-network u jippromwovi użu aktar effiċjenti tal-ilma. L-għan jibqa' li titnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi limitati tal-ilma ta' taħt l-art filwaqt li tissaħħaħ is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-provvista tal-ilma f'Malta.

Seduta Numru 45
24/11/2026

RIĊIKLAĠĠ TAL-ISKART

3009. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar Malta ppubblikat fl-2026, Malta kellha rata ta' riċiklaġġ tal-iskart ta' 16.7% fl-2024, meta mqabbla mal-medja ta' 48% fl-Unjoni Ewropea, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex Malta tilħaq il-miri Ewropej għar-riċiklaġġ tal-iskart?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart telgħet għal kważi 17% fl-2024 minn 9% fl-2019. Dan il-gvern impenjat biex din ir-rata tkompli titjieb billi qed jimplimenta l-Pjan fit-Tul għall-Immaniġġjar tal-Iskart bil-għan li jkompli jsostni l-progress ta' Malta lejn il-miri Ewropej applikabbli relatati mal-ekonomija ċirkolari u l-immaniġġjar sostenibbli tal-iskart. Dan qed isir permezz ta' sett komprensiv ta' miżuri li jinkludi t-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart, it-tisħiħ tas-sistemi ta' ġbir separat missors tal-frazzjoni organika u tal-materjali riċiklabbli u investiment fl-infrastruttura li jirrappreżenta trasformazzjoni sostanzjali fis-sistema nazzjonali tal-immaniġġjar tal-iskart u li se jkompli jsaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiż għat-trattament, l-irkupru u l-ipproċessar ta' diversi flussi ta' skart.
Dawn il-miżuri, flimkien ma' inizjattivi oħra previsti fil-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart, huma maħsuba biex tkompli jiżdied il-proporzjon ta' skart li jiġi ddevjat lejn ir-riċiklaġġ filwaqt li jnaqqsu progressivament il-volum ta' skart li jintbagħat fil-landfills.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SKART LI JINTREMA FIL-MIŻBLIET

3010. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar Malta ppubblikat fl-2026, fl-2023 Malta bagħtet 74% tal-iskart tagħha fil-miżbliet, meta mqabbel mal-medja ta' 22% fl-Unjoni Ewropea, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex inaqqas b'mod sostanzjali l-ammont ta' skart li jintrema fil-miżbliet?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rata ta' skart fil-miżbliet naqset minn 91% fl-2019 għal 72% fl-2024. Tnaqqis ta' 19%. Dan il-Gvern se jibqa' għaddej bil-ħidma tiegħu biex ikompli jtejjeb dan ir-riżultat. Għal aktar informazzjoni f'dan ir-rigward nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 2546.

Seduta Numru 45
24/11/2026

EMISSJONIJIET TA' GASSIJIET SERRA

3011. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl li skont l-aħħar statistika ppubblikata mill-Eurostat, bejn l-2013 u l-2024 Malta kienet l-uniku Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li rreġistra żieda fl-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'żieda ta' 17%, filwaqt li fl-istess perjodu l-medja tal-Unjoni Ewropea naqset b'34%, tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex ireġġa' lura din it-tendenza?

30/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: B'żieda mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24029 tal-Leġiżlatura XIV, ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żieda ta' 17% reġistrata mill-Eurostat bejn l-2013 u l-2024 trid tinqara fil-kuntest tal-metodoloġija li tintuża, jiġifieri li emissjonijiet minn vapuri u ajruplani b'bandiera Maltija jiġu inklużi anke jekk dawn ikunu qed joperaw barra minn Malta.

Fil-fatt, fl-2024 l-emissjonijiet domestiċi netti ta' Malta f'pajjiżna stess kienu ta' 3.9 tunnellati ekwivalenti ta' CO_2 għal kull persuna, meta mqabbla ma' 6.8 tunnellati għall-Unjoni Ewropea. Fuq l-istess bażi territorjali, l-intensità tal-emissjonijiet meta mqabbla mal-Prodott Domestiku Gross kienet ta' 122 gramma ekwivalenti ta' CO_2 għal kull ewro f'Malta, meta mqabbla ma' 215-il gramma għall-Unjoni Ewropea.

Seduta Numru 45
24/11/2026

KAROZZI SECOND HAND U KAROZZI ĠODDA IMPURTATI – SNIN 2000 SA 2012

3495. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1510 u 2128 u jgħid kemm ġew impurtati u reġistrati karozzi second hand mis-sena 2000 sas-sena 2012, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm ġew impurtati karozzi ġodda fl-istess perjodu u ċjoè; mis-sena 2000 sas-sena 2012, maqsuma sena b'sena?

14/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Transport Malta ma żżommx statistika dwar l-importazzjoni, iżda dwar il-vetturi li jiġu rreġistrati u illiċenzjati għall-ewwel darba f'Malta. Id-data disponibbli tibda mis-sena 2003, kif indikat fit-tabella segwenti:

Sena	Ġodda	Użati	Total
2003	9,194	5,348	14,542
2004	7,103	5,199	12,302
2005	7,698	5,423	13,121
2006	8,335	5,434	13,769
2007	8,091	5,157	13,248
2008	7,290	5,738	13,028
2009	7,197	12,347	19,544
2010	5,522	10,462	15,984
2011	7,767	12,267	20,034
2012	7,232	7,763	14,995

Seduta Numru 45
24/11/2026

SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI

3847. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2324 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1692, fejn intqal li "l-piż finanzjarju biex tiġi żmantellata vettura għandu jinġarr minn min ikun poġġa l-vettura fuq is-suq oriġinarjament", jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex qed jirreferi għall-konsumatur jew għall-importatur/bejjiegħ?

20/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li insegwitu ta' Leġislazzjoni Ewropea li tirregola l-vetturi u l-batteriji, il-piż finanzjarju biex tiġi żmantellata vettura u tiġi trattata l-batterija tagħha għandu jinġarr minn min ikun poġġa tali vettura fuq is-suq oriġinarjament. Il-liġi Ewropea tirreferi għal min jimmanifattura, jimporta jew jiddistribwixxi u jpoġġi fuq is-suq b'mod professjonali tali vettura. F'każ ta' individu li jpoġġi fuq is-suq tali vettura jkun responsabbli hu sakemm ma tiġix trasferita.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IL-BELT VALLETTA – STABBILIMENTI TAL-IKEL – KONĊESSJONIJIET

3848. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2369 u jgħid kemm ingħataw konċessjonijiet da parti tal-Awtorità tal-Artijiet fil-Belt Valletta, biex stabbilimenti tal-ikel - irrispettivament tal-mod kif deskritti – ikunu jistgħu jagħmlu l-imwejjed tagħhom fit-toroq pubbliċi, mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

20/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet ħarġet total ta' 102 konċessjoni ta' encroachment fil-Belt Valletta, għall-finijiet indikati fil-mistoqsija parlamentari matul il-perjodu mill-2020 sal-2026.

Seduta Numru 45
24/11/2026

HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - PASSAPORT/DOKUMENTI

3877. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2114 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u jgħid jekk mad-dħul f'Malta tal-humanoid robot magħruf bħala "Sophia" ġiex ippreżentat lill-awtoritajiet Maltin xi passaport, visa, permess jew dokument ieħor ta' vjaġġar jew identifikazzjoni? Jekk iva, jista' jgħid x'tip ta' dokument kien, minn liema Stat jew awtorità kien maħruġ, u jekk dan ġiex aċċettat jew irreġistrat mill-awtoritajiet Maltin?

20/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-awtoritajiet Maltin ma għandhom l-ebda informazzjoni illi robot bl-isem ta' Sophia ġie preżentat għall-kontroll tal-fruntiera.
Ninfurmah ukoll illi l-kontroll tal-fruntiera jsir skont ir-regolamenti mill-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u mill-provedimenti tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-Att dwar l-Immigrazzjoni (*Immigration Act*), dwar id-dħul ta' persuni f'Malta.

Seduta Numru 45
24/11/2026

HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - PROĊEDURA AMMINISTRATTIVA APPLIKATA

3878. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2115 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u jgħid liema proċedura amministrattiva ġiet applikata mill-awtoritajiet Maltin fil-każ tad-dħul f'Malta tal-humanoid robot magħruf bħala "Sophia", inkluż jekk dan ġiex trattat bħala persuna, oġġett, tagħmir, jew taħt xi kategorija oħra għall-finijiet ta' kontrolli ta' fruntiera, sigurtà jew immigrazzjoni?

20/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-awtoritajiet Maltin ma għandhom l-ebda informazzjoni illi robot bl-isem ta' Sophia ġie preżentat għall-kontroll tal-fruntiera.
Ninfurmah ukoll illi l-kontroll tal-fruntiera jsir skont ir-regolamenti mill-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u mill-provedimenti tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-Att dwar l-Immigrazzjoni (*Immigration Act*), dwar id-dħul ta' persuni f'Malta.

Seduta Numru 45
24/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – UNITS RESIDENZJALI ĠODDA APPROVATI

3920. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2301 u jgħid kemm kien in-numru ta' units residenzjali ġodda approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena u skont:
i. in-numru ta' kmamar tas-sodda (kamra waħda, tnejn, tlieta, erbgħa jew aktar); u
ii. it-tip ta' bini (djar terraced, appartamenti/flats, vilel detached/semi-detached)?

21/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DĦUL MINN SKEMI TA' KONTRIBUZZJONI

3921. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2302 u jgħid kemm kienu l-ammonti mħallsa lill-Awtorità tal-Ippjanar taħt il-Commuted Payment Parking Scheme (CPPS), l-Urban Improvement Fund (UIF), l-Urban Development Fund (UDF), jew skemi oħra ta' kontribuzzjoni minflok il-provvista ta' spazji ta' parkeġġ meħtieġa skont il-Parking Standards fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena u jinkludi:
i. in-numru ta' spazji ta' parkeġġ li skont l-Awtorità, kienu neqsin u li fir-rigward tagħhom saret il-kontribuzzjoni msemmija, għal kull permess approvat u għal kull sena, u f'kull waħda minn dawn il-lokalitajiet; u
ii. it-total ta' fondi mħallsa kull sena (2020-2025), maqsuma skont dawn il-kategoriji tal-iżvilupp:
a. residenzjali;
b. lukandi u stabbilimenti tal-ikel u x-xorb;
c. kummerċjali, inklużi ħwienet u uffiċini;
d. istituzzjonijiet reliġjużi jew soċjali; u
e. industrija?

21/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

VETTURI PRIVATI U KUMMERĊJALI LIĊENZJATI

4059. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2307 u jagħti n-numru totali ta' vetturi privati u kummerċjali liċenzjati fil-Mellieħa, San Pawl il Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena?

22/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif jidher fit-tabella segwenti:

Lokalità	Vetturi privati u kummerċjali liċenzjati					
	2020	2021	2022	2023	2024	2025
Il-Mellieħa	10,487	11,270	11,283	11,884	12,517	12,894
San Pawl il-Baħar	17,481	18,618	19,033	20,637	21,514	24,033
L-Imġarr	4,614	4,770	4,939	5,088	5,371	5,616
Il-Mosta	18,976	19,699	19,832	20,537	21,074	21,456
In-Naxxar	15,118	16,033	15,877	16,484	17,035	17,534
San Ġwann	10,442	11,193	11,334	12,578	11,277	11,395
Ħal Balzan	4,058	4,181	4,245	4,244	4,613	4,547
Ħ'Attard	11,527	11,405	11,834	11,820	11,927	12,074
L-Imtarfa	2,183	2,618	2,232	2,308	2,370	2,479

Seduta Numru 45
24/11/2026

LIĊENZJI TAS-SEWQAN VALIDI

4060. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2308 u jgħid kemm kien hemm residenti rreġistrati li għandhom liċenzja tas-sewqan valida fil-Mellieħa, San Pawl il Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena?

22/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif jidher fit-tabella segwenti:

Lokalità	2020	2021	2022	2023	2024	2025
Il-Mellieħa	6,807	6,970	7,138	7,269	7,521	7,688
San Pawl il-Baħar	10,672	11,118	11,570	12,020	12,896	13,672
L-Imġarr (Malta)	3,131	3,189	3,241	3,282	3,360	3,427
Il-Mosta	12,793	13,016	13,173	13,375	13,819	14,188
In-Naxxar	9,286	9,435	9,537	9,648	9,946	10,165
San Ġwann	6,895	7,004	7,095	7,251	7,550	7,813
Ħal Balzan	2,515	2,534	2,580	2,585	2,658	2,720
Ħ'Attard	7,011	7,101	7,174	7,264	7,478	7,648
L-Imtarfa	1,383	1,421	1,447	1,476	1,546	1,600

Seduta Numru 45
24/11/2026

BCA – REKLAMI U SPOTS TA' INFORMAZZJONI

4061. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2504 u jgħid kemm ħallset l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA) għal reklami jew spots ta' informazzjoni kull sena, minn kemm ilha li twaqqfet l-Awtorità fl-2021? Jista' jgħid ukoll, skont il-każ, fuq liema media saru u kemm tħallset kull mediahouse/gazzetta/stazzjon tar-radju/stazzjon tat-televiżjoni?

22/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 4061, ninforma lill-Onor. Interpellant jara tabella t'hawn taħt:

Media House	2021	2022	2023	2024	2025	2026
Media Today	9,501.36	18,489.98	27097.52	35,623.02	12,561.03	89,82.75
Stradarjali.com	7,080	0	0	0	0	0
Allied Newspapers	3,273.91	8,274.16	12,343.04	13,940.05	15,977.79	6,431
Union Print	972.51	274.63	2,478	2,614.88	5,900	2,714
iNews Malta	477.9	0	0	0	0	0
Standard Publications	413	0	3,209.6	4,035.6	5,020.9	3,943
Capital Communications Ltd	387	0	0	0	15347	0
Media Link	5,706.95	11,354.66	12,833.68	49,305.07	53,985	19,273
PBS	13,929.9	41,275	11,698.52	73,346.44	87,089.9	5,399.48
Beacon Media	531	420	0	0	0	796.5
One Productions Ltd	48,722.25	33,206.24	24,046.75	36,472.62	84,205.58	88,314.8
iVision	4,130	0	0	0	0	0
Chamber of Engineers	200	0	0	0	0	0
Owen Bonnici Ltd	9,440	0	0	0	0	0
Content House	0	3,540	100	0	0	0
Bay	0	3,523.14	0	8,323.89	14,562.69	0
Calypso	0	2,009.6	557.55	16,201.3	21,966.08	7506.04
RTK	0	590.09	0	0	0	0
Facebook	0	1,362.13	2550.12	2036.34	2,540.74	1,987.83
Google	0	2,891	943.28	301.13	174.4	0
Circle Magazine	0	1,121	0	0	0	0
Radju Marija	0	186.6	0	0	0	0
Inflation Media Productions Ltd	0	2,360	0	0	0	0
Malta University Broadcasting	0	414	0	0	0	0
F Media Ltd	0	1,180	0	0	0	1,943.06
Mint Media Ltd	0	0	590	0	590	0
Lovin Malta Ltd	0	0	826	2,478	0	0
M7Alpha Creative Studios	0	0	650	500	0	0
Fenbros Productions	0	720	0	0	0	0
Media Hut Solutions Ltd	0	0	0	0	5,782	0
Malta Daily .mt	0	0	0	0	0	2,950
Time Line Media	0	0	0	0	0	5,605

Seduta Numru 45
24/11/2026

IL-BELT VALLETTA - KONĠESTJONI TA' TURISTI

4062. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2526 u jgħid x'miżuri qed jittieħdu mill-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu biex titrażżan b'mod effettiv il-konġestjoni qawwija ta' turisti fiċ-ċentru tal-Belt Valletta, fejn, minħabba n-numru kbir ta' persuni u mwejjed li jitqiegħdu fit-toroq, l-aċċess għall-pubbliku sar diffiċli ħafna?

22/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Is-suċċess li qed ikollna fil-qasam tat-turiżmu hemm bżonn nibżgħu għalih. It-turiżmu kien u għadu wieħed mill-pilastri ewlenin tal-ekonomija tagħna. Huwa settur li jħaddem persuna minn kull ħamsa li jaħdmu f'pajjiżna.

Il-Ministeru huwa konxju min-numru ta' turisti li jkunu l-Belt Valletta ftit wara li jidħol cruise liner. Għaldaqstant, flimkien mal-MTA u operaturi li jaħdmu f'dan il-qasam ser jaħdmu fuq pjan biex it-turisti li jżuruna ikollhom aktar għażliet fejn jistgħu jmorru f'Malta u Għawdex malli jinżlu minn fuq il-vapur. Dawn il-pjanijiet ma jeskludux li min jagħmel din l-għażla, ma jżurux il-belt kapitali f'xi ħin tal-ġurnata.

B'hekk, il-Ministeru jemmen li kulħadd, Maltin u Għawdxin, jistgħu jgawdi minn dan is-suċċess u tonqos il-konċentrazzjoni fl-istess tat-turisti ġewwa l-Belt Valletta.

Seduta Numru 45
24/11/2026

FIAU – ĦADDIEMA LI TELQU

4203. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħaddiema telqu mill-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) mis-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

SENA	ĦADDIEMA LI TELQU
2024	19
2025	35
2026 (sat-30 ta' Ottubru)	12

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-IMSIDA, IL-GŻIRA U SAN PAWL IL-BAĦAR – IMPATT TAL-KONĊENTRAZZJONI TA' STUDENTI BARRANIN – STUDJU

4342. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għamilx studju dwar l-impatt tal-konċentrazzjoni ta' studenti barranin f'lokalitajiet bħall-Imsida, il-Gżira u San Pawl il-Baħar fuq l-infrastruttura, l-akkomodazzjoni, it-trasport, l-iskart u s-servizzi pubbliċi?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2010

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-IMSIDA, IL-GŻIRA U TAS-SLIEMA – STUDENTI U RESIDENTI BARRANIN – NEFQA TAL-GVERN U DĦUL PUBBLIKU

4343. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm qed jonfoq il-Gvern fis-sena fuq servizzi pubbliċi relatati mal-preżenza ta' studenti u residenti barranin fil-lokalitajiet tal-Imsida, il-Gżira u Tas-Sliema, u kemm hu l-kontribut dirett u indirett tagħhom għad-dħul tal-Gvern?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mistoqsija hija wisq ġenerika u miftuħa biex tkun tista' tiġi mwieġba.

Seduta Numru 45
24/11/2026

LOKALITAJIET B'KONĊENTRAZZJONI GĦOLJA TA' STUDENTI BARRANIN – VALUTAZZJONI TAL-CARRYING CAPACITY

4344. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx valutazzjoni dwar il-carrying capacity tal-lokalitajiet li fihom hemm konċentrazzjoni partikolarment għolja ta' studenti barranin, u jekk iva, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan l-istudju?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2010.

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-IMSIDA – POPOLAZZJONI MALTIJA U BARRANIJA – ĊIFRI U PERĊENTWALI

4345. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ċittadini barranin residenti fl-Imsida meta mqabbla mal-popolazzjoni Maltija residenti fl-istess lokalità, u jipprovdi ċ-ċifri u l-perċentwali rispettivi għall-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Dan il-Ministeru mhux l-entità responsabbli milli jżomm l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SERVIZZI PUBBLIĊI U D-DĦUL TAL-GVERN - IMPATT FINANZJARJU TAL-POPOLAZZJONI BARRANIJA

4346. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux studju dwar l-impatt finanzjarju tal-popolazzjoni barranija fuq is-servizzi pubbliċi, inkluż is-saħħa, l-edukazzjoni, l-iskart, it-trasport u servizzi oħra, u jekk dan l-impatt ġiex imqabbel mad-dħul fiskali ġġenerat minn dawn il-persuni?

26/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Infakkar lill-Onor. Interpellant illi dan il-Ministeru huwa responsabbli miż-żamma tas-Sigurtà u affarijiet interni tal-pajjiż.

Seduta Numru 45
24/11/2026

BARRANIN RESIDENTI F'MALTA ANALIŻI - SPEJJEŻ U KONTRIBUZZJONI FISKALI

4347. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix analiżi li tikkalkula, fuq bażi annwali, kemm il-barranin residenti f'Malta jiswew lill-Gvern f'servizzi pubbliċi meta mqabbla mal-kontribuzzjoni tagħhom permezz ta' taxxi, kontribuzzjonijiet u dħul ieħor lill-Gvern?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mistoqsija hija wisq ġenerika u miftuħa biex tkun tista' tiġi mwieġba.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SKEMA APPOĠĠ AKKOPPJAT – FONDI U BENEFIĊJARJI

4658. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu fondi taħt l-iskema tal-Appoġġ Akkoppjat mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont kull settur agrikolu, in-numru ta' benefiċjarji u sena b'sena? Jista' jgħid ukoll b'kemm ser tiżdied l-għajnuna fi flus taħt l-iskema tal-Appoġġ Akkoppjat kull sena u liema setturi ser igawdu miż-żieda fl-għajnuna?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti li turi kemm tħallsu fondi taħt l-iskema tal-Appoġġ Akkoppjat mill-2022 sa issa.

	2022		**2023**		**2024**		**2025**		**2026**		**Total skont is-setturi Matul is-snin kollha**
	Fond EUR	**BNs**	**Fond EUR**	**BNs**	**Fond EUR**	**BNs**	**Fond EUR**	**BNs**	**Fond EUR**	**BNs**	**Fond EUR**
Ċanga	450,974.08	155	460,075.00	153	413,030.11	216	406,980.00	130	445,200.00	127	**2,176,259.19**
Prodotti tal-ħalib	1,495,891.94	93	1,538,013.12	91	1,647,267.57	127	1,557,921.58	74	1,544,951.31	77	**7,784,045.52**
Nagħaġ	72,634.32	109	71,835.84	108	119,980.62	215	129,477.52	130	121,835.40	130	**515,763.70**
Tadam	890,406.60	105	891,158.54	103	817,871.78	100	900,733.75	109	886,991.80	122	**4,387,162.47**
Totali għal kull sena	**2,909,906.94**		**2,961,082.50**		**2,998,150.08**		**2,995,112.85**		**2,998,978.51**		

Seduta Numru 45
24/11/2026

SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦALL-PRODUTTURI TAL-FNIEK

4659. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew jitħaddmu l-iskemi ta' għajnuna għall-produtturi tal-fniek, inkluż programmi ta' vaċċinazzjoni ssussidjati sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-bhejjem, żieda fil-produttività u żieda fir-reżiljenza tas-settur?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant, li b'rabta mat-twettiq tal-wegħda tal-Manifest Elettorali, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali qed twettaq l-istudji u l-konsultazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-bżonnijiet tas-settur u jitfasslu l-aktar miżuri ta' għajnuna xierqa għall-produtturi tal-fniek.

Seduta Numru 45
24/11/2026

PRODUTTURI TAL-ĠBEJNIET TAN-NAGĦAĠ – ALLOKAZZJONI TA' POST

4660. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta l-koperattivi u gruppi tal-produtturi tal-ġbejniet tan-nagħaġ ser jingħataw post – li ilu mwiegħed għal snin – sabiex ikunu jistgħu jikkonsolidaw l-isforzi tagħhom fil-produzzjoni, kif ukoll fl-ippakkjar u l-kummerċjalizzazzjoni tat-tikketta tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP) u b'hekk jgħinu lis-settur ikompli jespandi kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-allokazzjoni ta' post sabiex organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-ġbejniet tan-nagħaġ jikkonsolidaw l-isforzi tagħhom fil-produzzjoni, l-ippakkjar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta hija miżura inkluża fil-Manifest Elettorali tal-Gvern, li se tkun implimentata sal-aħħar ta' din il-leġiżlatura.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IT-TIĠIEĠA S-SEWDA, IL-MOGĦŻA MALTIJA U L-LARINĠA MALTIJA – STATUS DOP U IGP

4661. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li t-tiġieġa s-sewda, il-mogħża Maltija u l-larinġa Maltija ser jiksbu status ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP) u Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IGP)?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rikonoxximent tat-Tiġieġa s-Sewda, tal-Mogħża Maltija u tal-Larinġa Maltija permezz tad-DOP u l-IĠP huwa parti mill-impenji tal-Manifest Elettorali, li bħalissa jinsabu fil-fażi inizjali tal-implimentazzjoni, inkluż il-ġbir tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IRĠEJJEN TAN-NAĦAL IMQASSMA

4662. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqassmu rġejjen tan-naħal ta' kwalità għolja lin-naħħala ta' pajjiżna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-miżura, kif prevista fil-Manifest Elettorali, tinsab fl-istadji inizjali tal-implimentazzjoni tagħha. Kif diġà ħabbart qed naħdmu ukoll biex Kemmuna sservi bħala post għat-tnissil u l-konservazzjoni tan-naħla Maltija**,** bħala parti mill-ħidma biex jiġi żviluppat programm ta' rġejjen tan-naħal ta' kwalità għolja. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għadhom ma tqassmux irġejjen tan-naħal taħt din l-inizjattiva.

Seduta Numru 45
24/11/2026

GRADING GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI U TAL-IKEL – STANDARDIZZAZZJONI

4663. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jintroduċi sistema ta' grading standardizzata għall-prodotti agrikoli u tal-ikel, biex tiġi assigurata trasparenza fis-suq għall-bdiewa u l-konsumaturi?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Food Agency qed tippjana proġett pilota għall-ħasil, il-grading u l-ippakkjar tal-prodott fil-Pitkalija fil-bidu tas-sena d-dieħla, bil-għan li tiġi evalwata l-introduzzjoni ta' sistema standardizzata ta' grading, kif previst fil-Manifest Elettorali.

Seduta Numru 45
24/11/2026

TA' QALI – PARK NAZZJONALI – ALLOKAZZJONI GĦAX-XOGĦLIJIET

4702. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-madwar €6 miljun previsti għall-2026 għat-tkomplija tax-xogħlijiet fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali ġew effettivament minfuqa? Tista' wkoll tagħti rendikont dettaljat tan-nefqa?

30/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Infurmata li l-allokazzjoni fil-budget 2026 kopriet xogħlijiet fosthom iż-żamma u l-manutenzjoni tal-Park Formali, l-Adventure Park u ż-Żona tal-Kunċerti, il-bini ta' taraġ u lift għaż-Żona tal-Kunċerti, il-parti finali tal-carpark ta' Ta' Qali, it-tlestija ta' dressing rooms tal-ogħla livell għall-artisti, u xogħlijiet oħra li saru.

Seduta Numru 45
24/11/2026

BIRŻEBBUĠA – MASTERPLAN TAL-PROMENADE

4703. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsabu l-pjanijiet u l-preparamenti għall-implimentazzjoni tal-Masterplan tal-Promenade ta' Birżebbuġa, imħabbar fil-Baġit 2026? Tista' tgħid ukoll jekk tlestewx l-istudji tekniċi, id-disinji u l-proċess għall-permessi meħtieġa?

30/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-implimentazzjoni tal-Masterplan tal-Promenade ta' Birżebbuġa tinsab fi stadji differenti ta' preparazzjoni u eżekuzzjoni kif ġej:
• Faži 1- Ix-Xatt ta' San Ġorġ u Triq Salvatore Cachia Zammit: Il-parti l-kbira tal-istudji tekniċi, id-disinji u l-permessi tlestew u x-xogħol jinsab fi stadju avvanzat. Bħalissa għaddejjin aktar studji dwar it-tisħiħ tas-sea wall tal-Bajja ta' San Ġorġ.
• Faži 1A - Boatyard (imdawwra mal-Misraħ tal-Qalb Imqaddsa, Dawret il-Qalb Imqaddsa u Triq Santa Katarina): Il-parti l-kbira tal-istudji, id-disinji u l-permessi tlestew u x-xogħol mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

• Fażijiet 2 u 3 - Il-Bajja ta' San Ġorġ, Triq Għar Dalam, St. George's Park u Dawret il-Qalb Imqaddsa u ż-żona madwar il-monument ta' Tmiem il-Gwerra Bierda: Għaddejjin it-tħejjijiet tal-istudji tekniċi, id-disinji u l-proċess għall-permessi meħtieġa. Ix-xogħlijiet huma pjanati li jibdew wara t-tlestija tal-istudji u l-approvazzjoni tal-permessi.

Seduta Numru 45
24/11/2026

BIRŻEBBUĠA – MASTERPLAN TAL-PROMENADE

4704. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm hi l-ispiża totali stmata għall-Masterplan tal-Promenade ta' Birżebbuġa, kemm intefaq s'issa fuq studji u konsulenzi u meta huwa previst li jibdew ix-xogħlijiet fiżiċi?

30/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża totali stmata għall-Masterplan tal-Promenade ta' Birżebbuġa hi stmata li tlaħħaq madwar 8 miljun Euro. S' issa ġew ċertifikati l-ammont ta' €445,941.68. L-istudji għal dan il-proġett saru kollha minn uffiċjali tekniċi u professjonisti tad-Diviżjoni tal-Proġetti tal-Komunità u ma kien hemm l-ebda involviment ta' konsulenti privati. Ix-xogħlijiet fiżiċi bdew f' April 2026.

Seduta Numru 45
24/11/2026

ĦAL KIRKOP – PROĠETT GĦALL-ĠBIR TAL-ILMA TAX-XITA

4705. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett għall-ġbir tal-ilma tax-xita f'Ħal Kirkop, imħabbar fil-Baġit 2026? Tista' tgħid ukoll jekk ix-xogħlijiet bdewx u meta mistennija jitlestew?

30/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett għall-ġbir tal-ilma tax-xita f'Ħal Kirkop għaddej b'ritmu tajjeb. Ma' dawn ix-xogħlijiet, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed twettaq xogħol estensiv ta' bdil ta' pajpijiet tal-provvista tal-ilma tax-xorb u tal-katusi tad-drenaġġ. Dawn ix-xogħlijiet huma mistennija li jitlestew sa nofs is-sena 2027.

Seduta Numru 45
24/11/2026

ĦAŻ-ŻEBBUĠ – PROĠETT GĦALL-ĠBIR TAL-ILMA TAX-XITA

4706. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett għall-ġbir tal-ilma tax-xita f'Ħaż-Żebbuġ u kemm ġew allokati u minfuqa fondi għalih?

30/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet relatati mal-proġett għall-ġbir tal-ilma tax-xita f'Ħaż-Żebbuġ għadhom ma bdewx minħabba li l-kuntrattur li kien ingħata l-kuntratt għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet abbanduna l-kuntratt. Bħalissa, id-Dipartiment qed jagħmel arranġamenti alternattivi biex dawn ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jitwettqu. Il-fondi allokati għal dan il-proġett għas-sena 2026 kienu jammontaw għal €300,000.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IL-MARSA – PROĠETT GĦALL-ĠBIR TAL-ILMA TAX-XITA

4707. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett għall-ġbir tal-ilma tax-xita fil-Marsa u meta huwa previst li jibda jopera?

30/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet relatati mal-proġett għall-ġbir tal-ilma tax-xita fil-Marsa jinsabu fi stadju avvanzat. Fadal biss li jitqiegħdu mill-ġdid pajpijiet ġodda għall-provvista tal-ilma tax-xorb fid-djar, li jkunu konnessi mal-main prinċipali tal-ilma. Wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet, isir l-asfaltar fi Triq is-Sajjieda, kif ukoll fuq it-trinek li saru fi Triq il-Ġiżwiti u fi Trejqa tal-Ġiżwiti.
Ta' min jinnota li s-sistema għall-ġbir tal-ilma tax-xita li ġiet installata diġà qed topera.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MANOEL ISLAND – SKART U MATERJAL PERIKOLUŻ

5241. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk instabx xi materjal perikoluż, bħall-asbestos, fost l-istrutturi abbandunati jew l-iskart li qed jitneħħa minn Manoel Island? Jekk iva, kif qed jiġi mmaniġġjat u fejn qed jintrema?

10/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Sal-ħin li qed nipprovdi din it-tweġiba, id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni sabet murtal waqt it-tindif li qed isir f'Manoel Island. Il-Forzi Armati ġew infurmati immedjatament. It-tim tal-Explosive Ordinance Disposal fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta ġew minnufih fejn wettqu l-proċeduri kollha neċessarji biex ineħħu l-periklu miż-żona. Instab ukoll materjal bl-asbestos li qed nieħdu ħsieb biex jitneħħa skont il-proċeduri neċessarji.

Seduta Numru 45
24/11/2026

ORDNI DWAR KLASSIJIET TA' UŻU FL-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

5280. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5030 u jispjega r-raġunijiet għall-A.L. 301 tal-2026 - Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp, li jemenda t-tifsira ta' "kura" fl-Ordni dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp (L.S. 552.15)? Jista' jgħid ukoll liema entità jew entitajiet talbu din il-bidla?

11/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-emenda msemmija kellha l-għan ewlieni li tinkludi l-kura personali tat-tfal, il-kura medika u t-trattament fil-Kategorija B tal-Iskeda ta' dan l-Ordni. It-talba għal din l-emenda saret mill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja.

Seduta Numru 45
24/11/2026

ORDNI DWAR KLASSIJIET TA' UŻU FL-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

5281. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5031 u jgħid jekk, għall-finijiet tal-Klassi 1(b), huwiex meħtieġ li mill-inqas persuna waħda li tagħti l-kura tkun tirrisjedi fil-post, jew jekk il-kura mogħtija biss minn ħaddiema li ma jirrisjedux fil-post u li jaħdmu fuq xiftijiet hijiex biżżejjed?

11/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MALTA U GĦAWDEX – TFAL F'KURA RESIDENZJALI

5282. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5032 u jgħid kemm hemm tfal f'kura residenzjali f'Malta u Għawdex bħalissa? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom qed jgħixu fi djar li jilqgħu sitt itfal jew inqas, u liema entitajiet imexxu dawn id-djar?

11/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 192 individwu jgħixu f'kura residenzjali, li minnhom 28 għandhom 'l fuq minn 18-il sena, u komplew jirrisjedu f'dawn il-*placements* fuq bażi ta' *Aftercare*.

55 minn dawn l-individwi jgħixu ġewwa 11-il *Community Homes* li tipprovdi l-FSWS. Il-*Community Homes* tal-FSWS jilqgħu 6 itfal jew inqas f'kull residenza.

4 jgħixu ġewwa *Aftercare Flats* li tipprovdi l-FSWS. Dawn il-*flats* joperaw fuq bażi ta' *semi-independent living*.

21 jgħixu fi djar għal persuni b'diżabilità. Dawn ir-residenzi jilqgħu iktar minn sitt itfal f'kull *unit*.

61 oħra huma mqassmin fi djar residenzjali, fejn l-entitajiet qasmu id-djar fi *flatlets,* sabiex jinżammu sa massimu ta' sitt itfal ġewwa kull *flatlet*. Dawn l-entitajiet huma Fondazzjoni Sebħ, Dar San Ġużepp u Dar St. Patrick's.

50 oħra jgħixu f'istituzzjonijiet li jilqgħu iktar minn sitt itfal f' kull *flat*, li huma KIDs ta' *Richmond Foundation*, Dar Frate Jacoba, Dar Sagra Familia li hi parti minn Fondazzjoni Sebħ, u *Angela House*, waqt li hemm minuri wieħed li qiegħed għall-kura fl-isptar *Monte Carmeli*. Irid jingħad li dawn id-djar huma hekk *by design*. Il-programm KIDs, per eżempju, kien iddisinjat għal disat itfal sa mill-bidu tiegħu 15-il sena ilu, Dar Frate Jacoba hija effettivament familja ta' tmien subien li ilhom jgħixu flimkien għal dawn l-aħħar għaxar snin waqt li hemm tlieta oħra li huma 'l fuq minn 18-il sena u qed jgħixu hemm fuq bażi ta' *aftercare*.

Seduta Numru 45
24/11/2026

DJAR RESIDENZJALI ĠODDA GĦAT-TFAL - PJAN

5283. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5033 u jgħid kemm hemm ippjanati djar residenzjali ġodda għat-tfal fit-tliet snin li ġejjin, f'liema lokalitajiet u minn liema entitajiet?

11/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fit-tliet snin li ġejjin hemm dawn id-djar residenzjali ġodda ippjanati li jilqgħu fihom tfal li għandhom bżonn jgħixu f'kura alternattiva:

> **1.** ***Semi-Secure Therapuetic Residence*** f'Ħal Farruġ, immexxi mid-Direttorat Kura Alternattiva fi ħdan il-Foundation for Social Welfare Services (FSWS).
> **2.** Ir-residenza l-ġdida ta' *Richmond Foundation* f'Birkirkara, li se tilqa' fiha żgħażagħ bejn it-tlettax u s-sbatax-il sena li ġew rilaxxati minn kura psikjatrika u li lesti li jgħixu lura fil-komunità.

Minbarra dan, il-Ministeru u l-FSWS jibqgħu impenjati li fejn jinqalgħu ċirkostanzi imprevisti, bħal meta NGO partikolari ma baqgħetx topera, jew meta kien hemm ħtieġa li noffru kura alternattiva lil familja ta' sitt aħwa fi żmien qasir, l-istess Ministeru u FSWS isibu mod, kif jilqgħu għal dawn iċ-ċirkostanzi imprevisti.

Seduta Numru 45
24/11/2026

DJAR GĦALL-KURA RESIDENZJALI – LIĊENZJAR

5284. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5034 u jgħid hemmx rekwiżiti ta' liċenzjar għal djar li jilqgħu sitt itfal jew inqas f'kura residenzjali?

11/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Djar għall-kura residenzjali tat-tfal għandhom obbligu li jiksbu liċenzja maħruġa mil-Awtorità ta' Ħarsien Soċjali (SCSA) u li tkun valida u mġedda kull sena.

Seduta Numru 45
24/11/2026

STUDENTI MINN BARRA L-UE – DĦUL MIŻ-ŻIEDA FIL-MIŻATI

5375. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm il-Gvern qed jipproġetta li se jiġbor aktar fi dħul mill-miżati l-ġodda imposti fuq studenti minn pajjiżi terzi (TCNs) fis-snin 2027, 2028 u 2029?

12/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 45
24/11/2026

STUDENTI MINN BARRA L-UE – DĦUL MIŻ-ŻIEDA FIL-MIŻATI

5376. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm il-Gvern qed jipproġetta li se jiġbor aktar fi dħul mill-miżati l-ġodda imposti fuq studenti minn pajjiżi terzi (TCNs) fis-snin 2027, 2028 u 2029?

12/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 45
24/11/2026

STUDENTI MINN BARRA L-UE – DĦUL MIŻ-ŻIEDA FIL-MIŻATI

5377. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm il-Gvern qed jipproġetta li se jiġbor aktar fi dħul mill-miżati l-ġodda imposti fuq studenti minn pajjiżi terzi (TCNs) fis-snin 2027, 2028 u 2029?

12/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kif għidt fid-diskors tal-Baġit, iż-żieda fit-tariffi fit-totalità tagħhom mistennija jiġġeneraw mat-€80 miljun.

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-GĦAMMIERI – KENNELS ĠODDA

5397. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew jiswew il-kennels ġodda li ġew miftuħa f'Ottubru 2026 ġewwa l-Għammieri? Tista' tgħid ukoll kemm jistgħu jinżammu aktar klieb ġo fihom?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – ANNIMALI MIŻMUMA

5398. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm annimali miżmuma mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali sal-aħħar ta' Ottubru 2026, maqsuma skont l-annimal?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – KLIEB MGĦODDIJA LIL SANTWARJI

5399. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew mgħoddija klieb mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali lis-santwarji lokali, matul l-aħħar tliet snin? Tista' tgħid ukoll kemm minnhom ġew imsiefra barra minn Malta u minn liema santwarju kienu?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

RAPPORTI DWAR PICKPOCKETING – SENA 2022

5406. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati reati ta' pickpocketing matul is-sena 2022, maqsuma lokalità b'lokalità?

13/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija kif indikat hawn taħt:

Lokalità	Total
ATTARD	4
BIRGU	2
BIRKIRKARA	3
BIRZEBBUGIA	1
BORMLA	2
FGURA	1
FLORIANA	3
GHAJNSIELEM - GHAWDEX	2
GHAXAQ	1
GUDJA	1
GZIRA	3
HAMRUN	1
IKLIN	1
LIJA	1
LUQA	2
MARSA	5
MARSASKALA	2
MARSAXLOKK	6
MDINA	2
MELLIEHA	15
MOSTA	4
MSIDA	7
N/A (mhux lokali)	1
NAXXAR	1
PAOLA	4
QORMI	4
QRENDI	2
RABAT	3
RABAT - GHAWDEX	1
SAFI	1
SAN GILJAN	96
SAN GWANN	2
SAN PAWL IL-BAHAR	16
SANTA VENERA	1
SIGGIEWI	1
SLIEMA	18
TA' XBIEX	1
VALLETTA	25
ZEBBUG	1
ZEJTUN	2
ZURRIEQ	1

Seduta Numru 45
24/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – ECO-TAX – FONDI MIĠBURA

5407. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-fondi miġbura mill-kontribuzzjoni ekoloġika fuq it-turiżmu (eco-tax) mil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, separatament għas-sena 2025 u sa Ġunju 2026? Jista' jgħid ukoll kemm huwa mistenni li jkunu l-fondi miġbura bejn Lulju 2026 u Diċembru 2026? Jista' jgħid ukoll kemm huwa mistenni li jkunu l-fondi miġbura wara ż-żieda msemmija fil-Baġit 2027?

13/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-MTCA ma jkollhiex data dwar ħlas ta' eko-kontribuzzjonijiet maqsuma skont il-lokalità.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IL-MELLIEĦA – ECO-TAX – FONDI MIĠBURA

5408. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-fondi miġbura mill-kontribuzzjoni ekoloġika fuq it-turiżmu (eco-tax) mil-lokalità tal-Mellieħa, separatament għas-sena 2025 u sa Ġunju 2026? Jista' jgħid ukoll kemm huwa mistenni li jkunu l-fondi miġbura bejn Lulju 2026 u Diċembru 2026? Jista' jgħid ukoll kemm huwa mistenni li jkunu l-fondi miġbura wara ż-żieda msemmija fil-Baġit 2027?

13/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 5407.

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-IMĠARR, MALTA – ECO-TAX – FONDI MIĠBURA

5409. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-fondi miġbura mill-kontribuzzjoni ekoloġika fuq it-turiżmu (eco-tax) mil-lokalità tal-Imġarr, Malta, separatament għas-sena 2025 u sa Ġunju 2026? Jista' jgħid ukoll kemm huwa mistenni li jkunu l-fondi miġbura bejn Lulju 2026 u Diċembru 2026? Jista' jgħid ukoll kemm huwa mistenni li jkunu l-fondi miġbura wara ż-żieda msemmija fil-Baġit 2027?

13/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 5407.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ TA' SAN MARTIN – WSC – XOGĦLIJIET

5410. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) għadx fadlilha xogħol li jrid isir fit-Triq ta' San Martin, limiti ta' San Pawl il-Baħar, wara li sar xogħol fuq is-sistema tal-ilma fl-istess inħawi? Tista' tgħid ukoll meta hu mistenni li jingħata l-wiċċ tat-triq fil-parti li għadha ma ngħatatx?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma lestiet ix-xogħlijiet relatati mas-sistema tal-ilma, kif ukoll ix-xogħlijiet ta' reinstatement li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha.

Seduta Numru 45
24/11/2026

INĦAWI TA' SAN PAWL IL-BAĦAR – ESTENSJONI TAS-SISTEMA TAD-DRENAĠĠ

5411. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Ministeru għandux pjan biex jestendi s-sistema tad-drenaġġ fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar, bħal San Martin, Għajn Astas, Ġnien Borg u nħawi oħra fl-istess lokalità?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li għadu mhux fil-pjan tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li testendi n-network tad-drenaġġ fl-imsemmija akkwata, li hija żona rurali b'karatteristiċi topografiċi li jagħmlu konnessjoni permezz ta' sistema bbażata fuq il-gravità diffiċili.

Seduta Numru 45
24/11/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – TQEGĦID TA' SINJALI TAT-TRAFFIKU ĠODDA – NEFQA

5420. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4185 u jgħid kemm nefqet flus Infrastructure Malta fit-tqegħid ta' sinjali tat-traffiku ġodda matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba dwar in-nefqa magħmula minn Infrastructure Malta matul il-perjodu indikat, maqsuma sena b'sena, qiegħda tingħata fit-tabella t'hawn taħt:

Sena	Ammont
2022	€376,549.85
2023	€590,098.75
2024	€663,851.36
2025	€942,721.67
2026	€342,411.07

Seduta Numru 45
24/11/2026

TRIQ TAL-BARRANI – XOGĦLIJIET FIL-JUNCTION LI TAGĦTI GĦAŻ-ŻEJTUN, ĦAL GĦAXAQ U BIRŻEBBUĠA

5421. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4184 u jgħid x'xogħlijiet se jsiru f'Triq tal-Barrani fil-junction li tagħti għaż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Birżebbuġa? Jista' jgħid ukoll meta se jsiru dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdumu, jekk inħarġitx sejħa għall-offerti u jekk ġewx ikkonsultati l-Kunsilli Lokali taż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Ħal Tarxien?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Jista' l-Onor. Interpellant jikkonferma jekk hux qed jirreferi għall-junction ta' Triq tal-Barrani c/w Triq il-25 ta' Novembru jew inkella Triq tal-Barrani c/w Triq il-Ħotba u Triq il-Belt Valletta jew inkella Triq tal-Barrani c/w ma' Dawret Ħal Għaxaq u Triq il-President Anton Buttigieg?

Seduta Numru 45
24/11/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI – KSUR TAL-KUNTRATTI

5422. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4194 u jgħid jekk f'dawn l-aħħar ħames snin qatt ittieħdux passi kontra l-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku għal xi ksur tal-kuntratti?

16/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

TRANSPORT MALTA – SINJALI TAT-TRAFFIKU – SPEZZJONIJIET

5423. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4193 u jgħid jekk f'dawn l-aħħar ħames snin qatt sarux spezzjonijiet biex ikun żgurat li s-sinjali tat-traffiku li tqiegħdu huma konformi mal-istandards mitluba minn Transport Malta? Jekk iva, jista' jgħid x'irriżulta minn dawn l-ispezzjonijiet?

16/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi L-Awtorità ġħat-Transport f'Malta twettaq spezzjonijiet għall-għarrieda biex tara jekk is-sinjali tat-traffiku sarux skont l-ispecifications u l-linji gwidi mitluba, u meta jirriżulta li hemm sinjali tat-traffiku mwaħħlin b'mod ħażin, Transport Malta titlob lill-kuntrattur

Seduta Numru 45
24/11/2026

TENDERS GĦAL SINJALI TAT-TRAFFIKU – KUMPANIJI/KOPERATTIVI – ĦLASIJIET

5424. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4192 u jgħid kemm tħallset kull waħda mill-kumpaniji/koperattivi li ngħataw tenders biex jipprovdu sinjali tat-traffiku matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

16/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SKOLA DUN MANWEL ATTARD RESOURCE CENTRE – STUDENTI ĠODDA

5427. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti ġodda huma mistennija li jidħlu fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Wardija fis-sena skolastika 2027-2028?

16/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi infurmat li għas-sena skolastika 2027-2028 se jkun hemm madwar 20 post ġdid fl-iskola tal-Wardija.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SKOLA DUN MANWEL ATTARD RESOURCE CENTRE – STUDENTI ĠODDA

5428. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm studenti ġodda huma mistennija li jidħlu fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Wardija fis-sena skolastika 2027-2028?

16/11/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SKOLA DUN MANWEL ATTARD RESOURCE CENTRE – STUDENTI B'ABBILITAJIET DIFFERENTI – POSTIJIET DISPONIBBLI

5429. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm postijiet disponibbli għal studenti b'abbiltajiet differenti ġodda fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Wardija għas-sena skolastika 2027-2028?

16/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari 5427.

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-IMĠARR – RILOKAZZJONI TA' POMPA TAL-PETROL – ĦAŻNA U T-TRASPORT TAL-FJUWIL

5468. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx evalwazzjoni dwar riskji ta' nirien, splużjonijiet, tnixxijiet tal-fjuwil u inċidenti oħra marbuta mal-proġett propost għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta? Jista' jgħid ukoll jekk il-Protezzjoni Ċivili ġietx ikkonsultata u jekk il-konklużjonijiet tagħha kinux ikkunsidrati qabel id-deċiżjoni dwar il-permess?

16/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

PA/07477/16 – KUNTRATT TAL-2018 – KSUR TAL-KUNDIZZJONIJIET

5469. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jispjega għaliex l-Awtorità tal-Ippjanar aċċettat dikjarazzjoni unilaterali ġdida mill-applikant sabiex jerġa' jingħata effett lill-permess PA/07477/16, minkejja li l-obbligi stabbiliti f'att pubbliku tal-2018 baqgħu ma twettqux? Jista' jgħid ukoll jekk itteħdux passi ta' infurzar u għaliex dawn l-obbligi ma ġewx infurzati qabel?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-IMĠARR – RILOKAZZJONI TA' POMPA TAL-PETROL – GARANZIJA BANKARJA TA' €50,000

5470. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema kriterji ġiet stabbilita l-garanzija bankarja addizzjonali ta' €50,000 marbuta mal-obbligi tal-applikant fil-każ tal-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta? Jista' jgħid ukoll jekk din il-garanzija hijiex biżżejjed sabiex tkopri l-ispejjeż kollha tar-riabilitazzjoni tas-siti affettwati, u x'azzjonijiet se jittieħdu jekk l-obbligi jerġgħu ma jiġux osservati?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-IMĠARR – RILOKAZZJONI TA' POMPA TAL-PETROL – ĦARSIEN TAL-ART BARRA Ż-ŻONA TAL-IŻVILUPP

5471. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kif ir-rilokazzjoni proposta tal-pompa tal-petrol għal madwar 2,400 metru kwadru ta' art agrikola barra ż-żona tal-iżvilupp (ODZ) fiż-Żebbiegħ hija kompatibbli mal-politika tal-2020 dwar il-pompi tal-petrol? Jista' wkoll jikkonferma jekk l-applikazzjoni għat-tiġdid PA/1755/23 hux se tiġi evalwata skont din il-politika u jekk saritx valutazzjoni ta' siti alternattivi li ma jinvolvux art ODZ?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

L-IMĠARR – RILOKAZZJONI TA' POMPA TAL-PETROL – PROTEZZJONI TAŻ-ŻONI TA' IMPORTANZA EKOLOĠIKA

5472. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) evalwatx l-impatt tal-iżvilupp ta' pompa tal-petrol proposta fiż-Żebbiegħ, fid-dawl tal-prossimità tiegħu għal żona ta' importanza ekoloġika ta' Livell 2? Tista' tgħid ukoll jekk l-ERA oġġezzjonatx għall-proġett, x'kienu r-rakkomandazzjonijiet tagħha u jekk dawn ġewx rispettati?

16/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

PA/07477/16 – RILOKAZZJONI TA' POMPA TAL-PETROL FL-IMĠARR – KONSULTAZZJONI

5473. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk qabel ittieħdet id-deċiżjoni li l-permess PA/07477/16 jerġa' jingħata validità, saritx konsultazzjoni ġdida mal-Kunsill Lokali tal-Imġarr u mar-residenti, partikolarment dawk taż-Żebbiegħ u dawk li jgħixu qrib is-sit propost? Jekk le, jista' jgħid għaliex ma saritx tali konsultazzjoni u jekk hux se jiġi organizzat proċess ta' konsultazzjoni pubblika qabel tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-permess?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – NEFQA FUQ REKLAMAR

5584. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti rendikont finanzjarju, ta' kemm tħallas f'reklamar biex jiżdied l-għarfien tal-kultura fil-gżira Għawdxija min-naħa tal-Ministeru u l-entitajiet rispettivi tiegħu separatament, fis-snin 2024, 2025 u 2026, fuq pjattaformi li jinkludu:
i. Virtu Ferries - Malta/Sqallija;
ii. Gozo Highspeed;
iii. Gozo Channel;
iv. l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta; u
v. Valletta Waterfront?

18/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma saret l-ebda nefqa fuq tali reklamar min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex f'dawn il-postijiet.

Seduta Numru 45
24/11/2026

KUNSILLI LOKALI – ANIMAL STEWARDS

5589. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 5390 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u tgħid kemm hemm Animal Stewards jaħdmu mal-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex, maqsuma skont il-kunsill?

19/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata li hemm 10 Kunsilli Lokali li għandhom is-servizz ta' Animal Stewards u dawn huma: Għajnsielem, l-Għarb, Ta' Kerċem, Marsaskala, il-Mosta, l-Imqabba, San Lawrenz, Ta' Sannat, Santa Luċija u ż-Żebbuġ.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SANTWARJI – SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦAS-SERVIZZI VETERINARJI

5590. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5387 dwar santwarji li bbenefikaw mill-iskemi ta' għajnuna għas-servizzi veterinarji f'dawn l-aħħar sentejn, tista' l-Ministru tgħid liema kienu dawn is-santwarji u kemm ingħataw flus kull wieħed separatament?

19/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

FINANZJAMENT LILL-NGOS

5591. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5304 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4571, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha billi jippubblika lista tal-NGOs li rċevew finanzjament mill-Ministeru għal Għawdex fis-snin 2024, 2025 u 2026, bl-ammont u l-għan ta' kull għotja, maqsuma sena b'sena?

19/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 45
24/11/2026

QORTI TA' GĦAWDEX - DEPUTATI REĠISTRATURI

5602. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Deputati Reġistraturi li jaħdmu fi ħdan il-Qorti ta' Għawdex?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hemm 8 deputati reġistraturi li jaħdmu fi ħdan il-Qorti t'Għawdex. In oltre, reċentement ħarġet sejħa għal applikazzjonijiet u fil-ġimgħat li ġejjin se jiġu ingaġġati 2 żewġ deputati reġistratur oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - COURT ATTORNEYS

5603. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Court Attorneys addetti mal-Qorti tal-Familja?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-Qorti tal-Familja hemm assenjati tlett Imħallfin u kollha għandhom *Court Attorney* addett magħhom.

Seduta Numru 45
24/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - ASSISTENTI ĠUDIZZJARJI

5604. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Assistenti Ġudizzjarji addetti mal-Qorti tal-Familja?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-Qorti tal-Familja hemm assenjati tlett Imħallfin u kull ġudikant għandu żewġ assistenti ġudizzjarji addetti miegħu. Hemm ukoll żewġ assistenti ġudizzjarji oħra li jassistu fis-sezzjonijiet tal-medjazzjonijiet.

Seduta Numru 45
24/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - MARIXXALLI

5605. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru kemm hemm Marixxalli li jaħdmu fi ħdan il-Qorti tal-Familja?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm *pool* ta' marixxalli li jagħmlu x-xogħol relatat maċ-ċivil u *pool* ta' marixxalli li jagħmlu xogħol relatat mal-kriminal. Ix-xogħol lill-marixxalli jiġi assenjat mill-marixxall anzjan skont il-ħtieġa u prioritajiet. Dawn il-marixxalli jagħmlu xogħol ta' Notifiki u eżekuzzjoni ta' atti u mandati. Ikun hemm ukoll żewġ marixxalli li jkunu tal-għassa wara l-ħinijiet tax-xogħol f'każ ta' eżekuzzjoni jew Notifiki urġenti fosthom *emergency care orders* u mandati ta' partenza li jikkonċernaw minuri. Hemm ukoll marixxall addett fir-reġistru tal-Qorti tal-Familja.

Seduta Numru 45
24/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - MEDJATURI

5606. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Medjaturi li jaħdmu fi ħdan il-Qorti tal-Familja?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-total huwa ta' 18-il Medjatur.

Seduta Numru 45
24/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - DEPUTATI REĠISTRATURI

5607. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Deputati Reġistraturi li jaħdmu fi ħdan il-Qorti tal-Familja?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm tliet (3) deputati reġistraturi li huma addetti mat-tlett Imħallfin assenjati fil-Qorti tal-Familja u żewġ (2) deputati reġistraturi fir-reġistru tal-Qorti tal-Familja.

Seduta Numru 45
24/11/2026

TERMINALS TAL-GOZO CHANNEL - ŻIEDA FIL-PASSIĠĠIERI BIL-MIXI

5631. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie kkalkulat li se jiżdiedu l-passiġġieri bil-mixi (foot passengers) fit-terminals tal-Gozo Channel, fid-dawl tat-tħabbira tal-Prim Ministru wara l-qari tal-Baġit 2027? Jista' jgħid ukoll jekk, fid-dawl ta' din iż-żieda mistennija, hemmx il-ħtieġa li jitkabbar il-foot passenger terminal tal-Imġarr, Għawdex?

19/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' passiġġiera li qed jaqsmu permezz tal-Gozo Channel qed jiżdied kull sena. Matul is-sena 2023 qasmu 5,883,487 passiġġier, filwaqt li matul is-sena 2024 qasmu 5,895,172 passiġġier. Is-sena l-oħra qasmu 6,144,036 passiġġier. Minn Jannar sa Ottubru ta' din is-sena, xejn inqas minn 5,182,483 passiġġier diġà qasmu permezz tal-Gozo Channel. Filwaqt li d-domanda għall-ivvjaġġar mhix marbuta esklussivament mar-rata tal-prezz, il-miżura li ħabbar il-Prim Ministru hija inċentiv sostanzjali li se twassal biex aktar passiġġiera jaqsmu bejn iż-żewġ gżejjer kemm għal raġunijiet ta' xogħol, negozju u divertiment.

Seduta Numru 45
24/11/2026

KONTINWITÀ TAL-OPERAT TAL-GOZO CHANNEL F'KAŻ TA' INĊIDENTI ĊIBERNETIĊI JEW QTUGĦ FIL-KONNESSJONI TAD-DATA

5632. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gozo Channel għandhiex pjan biex tiżgura li l-imbark tal-passiġġieri u tal-vetturi jkun jista' jibqa' għaddej f'każ ta' inċident ċibernetiku jew qtugħ fil-konnessjoni tad-data li jaffettwa s-sistemi tagħha, fosthom dawk tal-biljetti, tal-imbark u tal-operat ġenerali?

19/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'każ ta' interruzzjoni fil-konnessjoni tad-data, il-kumpanija Gozo Channel għandha arranġamenti alternattivi fis-seħħ sabiex il-bejgħ tal-biljetti jkun jista' jkompli permezz ta' sistema manwali. Min-naħa l-oħra, f'każ ta' attakk ċibernetiku, l-proċess tal-imbark tal-passiġġieri u tal-vetturi ma jiġix affettwat, u dan peress li s-sistemi operattivi abbord il-vapuri joperaw indipendentement mis-sistemi ċentrali tal-kumpanija. B'hekk, is-servizz ikun jista' jibqa' għaddej b'mod regolari.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MALTA FILM COMMISSION - VERIFIKI U PROĊEDURI TA' DUE DILIGENCE

5639. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid x'verifiki u proċeduri ta' due diligence twettqu mill-Malta Film Commission qabel ma daħlet f'arranġamenti mal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, b'mod partikolari fir-rigward tal-adegwatezza tiegħu għal inizjattivi li jinvolvu letteratura għat-tfal, udjenzi familjari u attivitajiet kulturali pubbliċi?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MALTA FILM COMMISSION - REVIŻJONI TAL-IMPENJI, RELAZZJONIJIET KUNTRATTWALI U ASSOĊJAZZJONIJIET PROMOZZJONALI

5640. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Fid-dawl tal-allegazzjonijiet dwar l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, kif ukoll it-tħabbira ta' investigazzjoni mill-pulizija fir-Renju Unit, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Malta Film Commission għamlitx reviżjoni tal-impenji, ir-relazzjonijiet kuntrattwali u l-assoċjazzjonijiet promozzjonali li kellha miegħu, u x'kienu l-konklużjonijiet ta' din ir-reviżjoni? Jekk dan għadu mhux qed isir, jista' jgħid meta u b'liema mod ser isir?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IT-TEATRU MANOEL - IMPJEGATI

5641. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm għandu impjegati full-time, part-time jew b'kuntratti definiti t-Teatru Manoel, u taħt liema kategorija jaqa' l-impjieg ta' kull impjegat?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, skont l-informazzjoni pprovduta, it-Teatru Manoel għandu total ta' 36 impjegat fuq bażi full-time.

Seduta Numru 45
24/11/2026

CHRISTMAS IN THE CAPITAL 2026 - NEFQA TOTALI

5642. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija n-nefqa totali allokata għall-organizzazzjoni tal-attività Christmas in the Capital 2026, liema infiq għandu jkun maqsum skont dawn il-kategoriji:
i. dekorazzjonijiet u installazzjonijiet ta' tiżjin tal-Milied;
ii. artisti u spettakli;
iii. produzzjoni u servizzi tekniċi;
iv. marketing u reklamar;
v. ċelebrazzjonijiet ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena; u
vi. amministrazzjoni u loġistika.
Jista' jgħid ukoll jekk dawn l-ammonti jirriflettux nefqa diġà mħallsa kompletament jew parzjalment u liema huma l-impenji finanzjarji li għadhom iridu jitħallsu?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 45
24/11/2026

CHRISTMAS IN THE CAPITAL 2026

5643. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid b'liema kriterji u permezz ta' liema proċess intgħażlu l-artisti, il-mużiċisti, il-korijiet, il-gruppi artistiċi, il-produtturi u l-kollaboraturi kollha li ser jieħdu sehem jew jikkontribwixxu għall-attività Christmas in the Capital 2026? Jista' wkoll jipprovdi lista sħiħa tal-persuni, tal-artisti, tal-entitajiet u tal-kumpaniji involuti, jindika r-rwol ta' kull wieħed/waħda minnhom, kif ukoll l-ammont li ser jitħallas lil kull wieħed jew lil kull entità għas-servizzi jew għall-kontribut tagħhom?

19/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IDENTITÀ DIĠITALI F'MALTA - KARTIERA EWROPEA

5659. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu s'issa fir-rigward tal-fornitura ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali f'Malta?

19/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li saru studji biex jiġu identifikati r-rekwiżiti għas-CfT, bil-għan li l-Kartiera Ewropea Maltija tuża sistemi diġitali nazzjonali li diġà jilħqu livell għoli ta' assigurazzjoni (Level of Assurance High). L-MDIA pparteċipat ukoll fi djalogi ma' pajjiżi Ewropej oħra sabiex jiġu identifikati l-aħjar prattiki u l-approċċi li qed jadottaw Stati Membri oħra. Abbażi ta' dawn l-istudji u d-djalogi, l-MDIA ppubblikat is-CfT f'Lulju 2026. Il-perjodu li matulu l-operaturi ekonomiċi setgħu jibagħtu d-domandi tagħhom issa għalaq, u l-ftuħ tal-offerti se jsir fid-9 ta' Diċembru 2026.
Mill-aspett tekniku, l-MCA (Malta Communication Authority) qed tassisti lill-Gvern bit-tfassil ta' abbozzi leġislattivi.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IR-RABAT - ŻONA TAL-VIRTÙ U WIED TAL-ISQOF - PERMESS GĦAR-RIMI TA' SKART TAL-KOSTRUZZJONI

5712. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk inħariġx permess għar-rimi ta' skart tal-kostruzzjoni fiż-żona bejn Tal-Virtù, ir-Rabat, u Wied tal-Isqof (koordinati 35.8711137, 14.3982743), kemm mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kif ukoll minn kwalunkwe awtorità oħra? Jekk iva, tista' tgħid:
i. lil min inħareġ il-permess u f'liema data;
ii. il-kwantità ta' skart awtorizzat; u
iii. l-konfini u l-kundizzjonijiet tal-permess?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi ma ħarġitx permessi għal rimi fiż-żona indikata. Rigward permessi minn awtoritajiet oħrajn nitolbu jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeri konċernati.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IR-RABAT - ŻONA TAL-VIRTÙ U WIED TAL-ISQOF - SPEZZJONIJIET U INFURZAR

5713. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru spezzjonijiet fiż-żona bejn Tal-Virtù, ir-Rabat, u Wied tal-Isqof (koordinati 35.8711137, 14.3982743) matul l-aħħar 12-il xahar, f'liema dati saru dawn l-ispezzjonijiet u x'instab? Tista' tgħid ukoll jekk ġewx imposti multi jew ordnijiet ta' tneħħija, u fuq liema operaturi?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li fl-aħħar 12-il xahar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi wettqet 11-il spezzjoni fiż-żoni indikati b'reazzjoni għall-ilmenti li daħlu mingħand il-pubbliku li kienu jikkonsistu f'rapporti dwar qtugħ ta' siġar u tfiegħ ta' skart. Wara l-ispezzjonijiet li saru, irriżulta li s-siġar li ġew mimsusa ma kenux protetti u għalhekk ma ttieħdet l-ebda azzjoni.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IR-RABAT - ŻONA TAL-VIRTÙ U WIED TAL-ISQOF - IMPATT AMBJENTALI U RIMEDJU

5714. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk iż-żona bejn Tal-Virtù, ir-Rabat, u Wied tal-Isqof (koordinati 35.8711137, 14.3982743) taqax ġewwa jew fil-qrib taż-żona Natura 2000 tal-Buskett u l-Girgenti, u jekk saritx valutazzjoni tal-impatt fuq Wied tal-Isqof, Wied il-Luq u Wied il-Girgenti? Tista' tgħid jekk saritx valutazzjoni dwar kif ir-rimi affettwa l-mogħdijiet naturali tal-ilma tax-xita, u dwar ir-riskju ta' erożjoni u ta' ilma u tajn li jinġarru lejn Triq il-Buskett? Tista' tgħid ukoll min hu responsabbli għar-rimedju tas-sit, u sa meta se jsir?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: B'żieda mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5712, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-medda ta' art indikata tinsab 'il barra miż-żona Natura 2000 imsemmija.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MTA - FESTIVALS BARRA MINN MALTA LI BBENEFIKAW MINN GĦAJNUNA FINANZJARJA

5715. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-festivals li saru barra minn Malta li bbenefikaw minn xi forma ta' għajnuna finanzjarja mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), inkluż permezz ta' VisitMalta matul is-snin 2024, 2025 u 2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jinkludi wkoll dawk il-festivals li għalihom l-MTA ffinanzjat jew ikkontribwiet għall-ispejjeż tal-parteċipazzjoni, l-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni jew spejjeż oħra ta' xi artist, parteċipant, organizzatur jew persuna oħra marbuta mal-festival?

20/11/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema tip ta' festivals qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 45
24/11/2026

DETENTION SERVICES AGENCY - KAP EŻEKUTTIV

5716. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid meta nħatar l-aħħar Kap Eżekuttiv tad-Detention Services Agency, f'liema data rriżenja mill-kariga u x'kienet ir-raġuni għar-riżenja tiegħu?

20/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aħħar Kap Eżekuttiv illi nħatar kien fit-28 t'April tal-2023.

Il-Kap Eżekuttiv illi kien hemm assuma rwol ieħor f'ministeru differenti

Seduta Numru 45
24/11/2026

DETENTION SERVICES AGENCY - KAP EŻEKUTTIV ĠDID

5717. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid sa meta huwa ppjanat li jinħatar Kap Eżekuttiv ġdid tad-Detention Services Agency? Fil-każ li sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari jkun diġà nħatar Kap Eżekuttiv ġdid, jista' l-Ministru jgħid f'liema data saret din il-ħatra?

20/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li huwa mistenni li l-Kap Eżekuttiv jinħatar fiż-żmien li ġej.

Seduta Numru 45
24/11/2026

DETENTION SERVICES AGENCY - KAP EŻEKUTTIV ĠDID - PAKKETT FINANZJARJU

5718. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pakkett finanzjarju tal-Kap Eżekuttiv il-ġdid tad-Detention Services Agency hux se jibqa' l-istess bħal dak tal-Kap Eżekuttiv preċedenti? Jekk le, jista' jagħti rendikont tal-pakkett finanzjarju l-ġdid, inkluż is-salarju bażiku, l-allowances u kwalunkwe benefiċċju ieħor?

20/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: L-Onor. Interpellant għandu jkun infurmat li l-Kap Eżekuttiv ġdid għall-Aġenzija msemmija għadu ma nħatarx.

Seduta Numru 45
24/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – IMPJEGATI

5719. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Prim Ministru dan hija skont l-manwal li diġà tpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra Fir-rigward tal-ħaddiema li kienu jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku bejn l-2010 u l-2025, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 30776 tal-14-il Leġislatura u f'Mejju ta' din is-sena ninsab infurmat li l-persentaġġ tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku kien ta'18% filwaqt li 82% tal-kumplament tal-ħaddiema kien qed jaħdmu fis-settur privat.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – IMPJEGATI

5720. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għas-Saħħa, din hija skont il-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – IMPJEGATI

5721. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet, din hija skont il-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-Ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – IMPJEGATI

5722. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja, din hija skont l-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – IMPJEGATI

5723. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru, għall-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel, din hija skont l-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – IMPJEGATI

5724. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, din hija skont l-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 45
24/11/2026

MIEA/02/2026

5741. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4131 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi d-dati ta' meta saru sessjonijiet ta' konsultazzjoni u ma' min saru s-sessjonijiet qabel ma ħarġet is-sejħa għall-offerti b'referenza MIEA/02/2026 mill-Malta Investments & Economic Advisory?

20/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li nibda billi nispjega li l-għan tas-sejħa huwa li jiġu kkummissjonati l-istudji, l-evalwazzjonijiet u l-analiżi meħtieġa sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx biżżejjed evidenza li turi l-potenzjal u l-fattibbiltà ta' proġett ta' reklamazzjoni tal-art. Dan sabiex il-Gvern ikun jista' jevalwa l-possibbiltà li jipproċedi bi proġett ta' din in-natura fuq bażi infurmata, fid-dawl tar-riżultati li joħorġu minn dawn l-istudji.
F'dan l-istadju, qabel il-ħruġ tas-sejħa, saru konsultazzjonijiet interni u laqgħat ma' entitajiet u awtoritajiet rilevanti, fosthom l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u l-Malta Freeport. Barra minn hekk, saret ukoll laqgħa mal-Kapijiet Eżekuttivi tal-ERA u tal-PA, flimkien mas-Segretarji Permanenti rispettivi, li għaliha kienu preżenti wkoll il-Ministri responsabbli rispettivi. Matul din il-laqgħa ġew spjegati u diskussi l-għan, l-iskop u l-intenzjoni tas-sejħa.
Bħala parti mit-termini ta' referenza tas-sejħa, huwa previst proċess ta' konsultazzjoni estensiv mal-partijiet interessati u ma' kull min għandu interess fil-proġett. Dawn il-konsultazzjonijiet ser ikunu parti integrali mill-iżvilupp tal-istudji u l-analiżi, sabiex il-fehmiet, it-tħassib u l-kontribut tal-partijiet kollha rilevanti jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati bis-sħiħ.
Għaldaqstant, l-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa proprju li tinġabar l-evidenza teknika u l-kontribut tal-partijiet interessati kollha meħtieġa sabiex il-Gvern ikun jista' jasal għal kwalunkwe deċiżjoni eventwali fuq bażi infurmata u b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-aspetti rilevanti.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SKEMA TAL-10% DEPOŻITU U SKEMA TA' QSIM TA' EKWITÀ – NUMRU TA' APPLIKAZZJONIJIET MIĊĦUDA

5742. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3219, 3600 u 4123 u jipprovdi, separatament għall-iskema tal-10% Depożitu u għall-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli, in-numru ta' applikazzjonijiet miċħuda minħabba:
(a) dħul ogħla mil-limitu, kemm qabżuh b'sa €1,000, b'bejn €1,001 u €5,000, u b'aktar minn €5,000;
(b) dħul taħt il-minimu applikabbli jew insuffiċjenti għall-ħlas tas-self;
(ċ) età;
(d) assi jew ownership ta' proprjetà oħra;
(e) prezz jew valur tal-proprjetà ogħla mill-limitu;
(f) nuqqas ta' konformità ma' kriterji oħra tal-bank; jew
(g) raġunijiet oħra, li għandhom jiġu speċifikati?
Jista' l-Ministru jiddistingwi bejn ċaħdiet mill-Awtorità u dawk mill-bank, u jgħid kemm-il applikazzjoni ġiet approvata mill-Awtorità iżda sussegwentement miċħuda mill-bank? Fejn applikazzjoni għandha aktar minn raġuni waħda, jista' jiċċara dan sabiex jiġu evitati kalkulazzjonijiet doppji?

20/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 45
24/11/2026

ĦAL SAFI/BIRŻEBBUĠA - TRIQ QERD IN-NAĦAL - XOGĦLIJIET

5743. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Qerd in-Naħal, Ħal Safi/Birżebbuġa, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-project plan li juri liema huma x-xogħlijiet li saru, qed isiru jew ser isiru, min huwa responsabbli u għal liema xogħlijiet u jagħti t-timeline ta' dawn ix-xogħlijiet?

20/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq Qerd in-Naħal, Ħal Safi, jinkludu tħaffir ta' trinek għall-cables tal-Enemalta, trinek għat-tibdil tal-pajpijiet tal-Water Services Corporation, il-kostruzzjoni ta' culverts għall-ġbir u l-immaniġġjar tal-ilma tax-xita, il-bini mill-ġdid tal-bankini, il-kostruzzjoni ta' gutters tal-konkos, kif ukoll l-iffurmar mill-ġdid tat-triq u l-asfaltar mill-ġdid tagħha. Ix-xogħlijiet relatati mal-Enemalta u mal-Water Services Corporation tlestew, filwaqt li l-bankini nbnew mill-ġdid. Bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet relatati mat-trinek għall-culverts tal-ilma tax-xita. Wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet, ser issir il-kostruzzjoni tal-gutters tal-konkos, segwita mill-iffurmar u l-asfaltar mill-ġdid tat-triq. Ix-xogħlijiet qegħdin jitwettqu taħt is-superviżjoni ta' Infrastructure Malta u, skont il-programm attwali tax-xogħlijiet, huma mistennija li jitlestew sa nofs Marzu 2027.

Seduta Numru 45
24/11/2026

IŻ-ŻURRIEQ - KUNSILL LOKALI - TALBA GĦALL-KEEP CLEAR BOX

5744. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 445, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm talba mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq għall-1.5m Keep Clear Box biex tagħti aċċess għal residenza li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, fejn il-bankina hija anqas minn 60cm? Jista' jgħid ukoll x'azzjoni ħadet Transport Malta f'dan ir-rigward?

20/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta ma rċeviet l-ebda talba mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq għall-1.5m Keep Clear Box biex tagħti aċċess għal residenza li d-dettalji tagħha ingħataw separatament.

Seduta Numru 45
24/11/2026

BIRŻEBBUĠA - XATT TA' SAN ĠORĠ, TRIQ S. CACHIA ZAMMIT, TRIQ L-GĦANSAR U TRIQ F.M. FERRETTI - XOGĦLIJIET

5745. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fl-inħawi tax-Xatt ta' San Ġorġ, Triq S. Cachia Zammit, Triq l-Għansar u Triq F.M. Ferretti, f'Birżebbuġa, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-project plan li juri liema huma x-xogħlijiet li saru, qed isiru jew ser isiru, min huwa responsabbli u għal liema xogħlijiet, u jagħti t-timeline ta' dawn ix-xogħlijiet?

20/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 45
24/11/2026

BIRŻEBBUĠA - XATT TA' SAN ĠORĠ, TRIQ S. CACHIA ZAMMIT, TRIQ L-GĦANSAR U TRIQ F.M. FERRETTI - SISTEMA TAD-DRENAĠĠ

5746. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fl-inħawi tax-Xatt ta' San Ġorġ, Triq S. Cachia Zammit, Triq l-Għansar u Triq F.M. Ferretti, f'Birżebbuġa, tista' l-Ministru tgħid x'ser jinbidel fis-sistema tad-drenaġġ u kif, b'kemm ser tiżdied il-kapaċità tas-sistema u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti li juru dan?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li fl-ewwel fażi tal-proġett tax-Xatt ta' San Ġorġ, tul iż-żona tax-xatt, il-mejnijiet tad-drenaġġ li kienu magħmulin minn materjali differenti u b'dijametri varji, ġew sostitwiti b'mejn ġdid tal-PVC b'dijametru ta' 300 mm, li wassal għal żieda ta' madwar 40% fil-kapaċità.
Barra minn hekk, ġiet introdotta teknoloġija ġdida permezz tal-installazzjoni ta' manholes ġodda magħmulin mill-plastik. Ix-xogħlijiet fuq il-proġett għadhom għaddejjin u se jissoktaw sal-mina tad-drenaġġ tal-pumping station.

Seduta Numru 45
24/11/2026

SERVIZZ TAL-FAST FERRY – ATTAKKI ĊIBERNETIĊI

5753. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kuntratt għas-servizz tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex jobbligax lill-operatur jirrapporta inċident ċibernetiku, jinforma lill-passiġġieri u jerġa' jħaddem is-servizz jekk dan jieqaf? Jista' jgħid ukoll jekk mill-bidu tas-servizz kienx hemm attakki ċibernetiċi fuq l-istess sistemi?

20/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma ġie rrappurtat ebda tip ta' attakk ċibernetiku fuq is-servizzi tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex.

Seduta Numru 45
24/11/2026